

Brussell, 5 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

6768/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0051(COD)**

---

---

**ENER 51  
ENV 119  
CLIMA 49  
IND 56  
RECH 80  
COMPET 119  
ECOFIN 237  
CODEC 205**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 99 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 99 final.

Mehmuż: COM(2025) 99 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.3.2025  
COM(2025) 99 final

2025/0051 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

*a) Sigurtà tal-provvista*

L-isfidi tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE huma prinċipalment marbuta mad-dipendenza tal-provvista tal-enerġija primarja tagħha fuq pajjiżi mhux tal-UE. Bl-introduzzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-UE stabbiliet passi importanti li se tiegħu biex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili importati billi tistabbilixxi miri ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika. Madankollu, il-kriżi tal-enerġija tal-2022 u x-xokk fil-prezz tal-enerġija li segwew enfasizzaw il-ħtieġa li jsir aktar u li jittiegħdu passi ulterjuri biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq sorsi ta' enerġija primarja mhux tal-UE. B'mod partikolari, il-pjan REPowerEU jistabbilixxi passi importanti biex jiproteġi lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji minn xokkijiet fil-provvista billi: (i) isaħħaħ il-kapaċità tal-ħżin taħt l-art tal-gass; (ii) itejjeb u jestendi l-infrastruttura tal-gass naturali likwifikat; u (iii) jiddiversifika kemm is-sorsi kif ukoll ir-rotot tal-gass bil-pipeline.

Biex jintlaħqu dawn l-objettivi, hija meħtieġa l-estensjoni ta' wħud mill-miżuri, prinċipalment il-mira tal-mili tal-ħżin tal-gass ta' Novembru, adottata qabel għal perjodu ta' żmien limitat. Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet tas-suq inbidlu. B'din il-proposta, u filwaqt li tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni adottata lill-UE, il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura s-sigurtà tal-enerġija u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea filwaqt li tappoġġa lill-Istati Membri billi ttipprovdi livell saħansitra ogħla ta' flessibilità dwar it-trajettorji għall-mili biex jintlaħqu l-miri tal-mili għall-ħżin tal-gass bil-pass tagħhom stess, jitnaqqas l-istress tas-sistema u jiġi minimizzat l-ispazju għad-distorsjonijiet tas-suq.

*b) Rwol tal-ħżin tal-gass, problemi attwali u flessibilità*

Il-ħżin tal-gass jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista billi jipprovdi provvista addizzjonali jekk ikun hemm domanda qawwija jew jekk il-provvista tiġi mfixkta. Il-ħżin jissupplixxi 25-30 % tal-gass ikkunsmat fl-UE fix-xitwa. Matul l-istaġun tat-tisħin, il-ħżin inaqqas il-ħtieġa li jiġi importat gass addizzjonali u jgħin biex jassorbi x-xokkijiet fil-provvista.

Filwaqt li rrikonoxxiet dan il-fatt, u ħadet azzjonijiet kemm kontra l-użu tal-provvisti tal-gass Russi bħala arma kif ukoll kontra l-volatilità tas-suq, fir-rebbiegħa tal-2022 il-Kummissjoni abbozzat – u l-koleġislaturi approvaw malajr – emendi għar-Regolament (UE) 2017/1938 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass<sup>1</sup>. L-emendi introduċew mira biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass kienu 90 % mimlijin sal-1 ta' Novembru (mira tal-mili), b'sensiela ta' miri intermedji għal kull Stat Membru fi Frar, Mejju, Lulju u Settembru tas-sena ta' wara (trajettorja għall-mili). Fl-istess ħin, l-emendi introduċew rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni biex l-operaturi tas-sistemi tal-ħżin (SSOs, storage system operators) itejbu l-kontroll fuq l-assi strateġiċi u jevitaw ir-riskju li ma jkunx hemm biżżejjed gass fil-ħżin qabel ix-xitwa.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass

Bħala konsegwenza ta' dawn l-emendi, ix-xenarju drammatiku tal-2022 ta' żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-gass ma ġiex ripetut fl-2023 jew fl-2024, u l-obbligu li jiġu ċċertifikati l-SSOs elimina l-prattika (li seħħet fl-2021) fejn xi wħud mill-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass li huma proprjeta ta' partijiet terzi mtlew intenzjonalment taħt il-kapaċita jew tard qabel ix-xhur tax-xitwa.

Is-suq Ewropew tal-gass għadu strett. Il-kompetizzjoni għall-provvisti globali tal-LNG żdiedet u l-esponiment għall-volatilita tal-prezzijiet huwa aktar b'saħħtu minn qabel. Dan huwa evidenzjat mill-iżvilupp tal-prezzijiet tas-suq tal-gass matul ix-xitwa 2024/2025.

Mill-perspettiva tas-sigurtà tal-provvista, l-eżistenza ta' mira għall-mili tal-ħżin u trajettorja għall-mili trawwem il-prevedibbiltà u tibgħat sinjali importanti lill-atturi tas-suq. Taħt dan il-qafas, l-azzjonijiet meħuda mill-UE tejbu s-sitwazzjoni mill-2022. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, l-aktar objettiv importanti huwa li tissaħħa is-sigurtà tal-provvista tas-sistema tal-enerġija tal-UE b'mod partikolari għax-xitwa, li tissarraf fil-konformita tal-Istati Membri mal-mira obligatorja tal-1 ta' Novembru.

Fl-istess ħin, il-qafas ġenerali biex tintlaħaq din il-mira tal-1 ta' Novembru jrid ikun flessibbli biżżejjed matul l-istaġun tal-mili biex jippermetti reazzjoni rapida għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti u b'mod partikolari biex jittieħed vantaġġ mill-aħjar kundizzjonijiet tax-xiri. L-għan tal-miri intermedji għall-mili, maqbula kull sena mill-Istati Membri, huwa li jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira obligatorja għall-1 ta' Novembru. Madankollu, dawn il-miri huma indikattivi u jekk meħtieġ, jistgħu jiġu modifikati b'tali mod li jkun hemm flessibbiltà massima disponibbli għall-parteċipanti fis-suq matul is-sena. Approċċ bħal dan flimkien ma' koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri, jiggarrantixxi livell suffiċjenti ta' flessibbiltà biex jimtela l-ħżin bir-ritmu tagħhom stess, filwaqt li jitnaqqas l-istress tas-sistema u jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin, u permezz ta' koordinazzjoni u djalogu attiv mal-Istati Membri, inkluż permezz tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass, se tiżgura li devjazzjonijiet sostanzjali u sostnuti potenzjali mit-trajettorja għall-mili ma jipperikolawx is-sigurtà tal-provvista u li r-riskji potenzjali jiġu mitigati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni komprensiva bħala parti mir-rieżami tal-qafas tas-sigurtà tal-provvista biex teżamina l-valur miżjud ta' kwalunkwe miżura ta' ħżin permanenti għas-sigurtà tal-provvista wara l-2027.

### *c) Objettiv tal-proposta*

L-emendi fir-Regolament (UE) 2017/1938 dwar il-ħżin tal-gass huma mistennija li jiskadu fi tmiem l-2025. Is-sitwazzjoni stretta kontinwa fis-suq globali tal-gass titlob estensjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet lil hinn mill-2025.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Ewropea qed tippjana li tirrieżamina l-qafas tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE, inkluż billi tagħmel valutazzjoni dwar jekk proposta leġiżlattiva potenzjali għandhiex tinkorpora miżuri permanenti għall-mili tal-ħażniet għall-Istati Membri. Madankollu, din il-proposta mhijiex ippjanata għas-sena d-dieħla.

Estensjoni temporanja tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-ħżin tal-gass hija meħtieġa biex tkompli tipprovd i prevedibbiltà u trasparenza fl-użu tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass madwar l-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħżin tal-gass fir-Regolament (UE) 2017/1938 ġew introdotti permezz tar-Regolament (UE) 2022/1032 għal perjodu ta' 3 snin. Id-dispożizzjonijiet jiskadu fl-aħħar tal-2025. Il-proposta għandha l-għan li testendi d-dispożizzjoni eżistenti b'sentejn oħra fuq bażi temporanja sakemm potenzjalment jiġi stabbilit qafas ġdid għas-sigurtà tal-enerġija, x'aktarx matul l-2027. L-estensjoni tkun konsistenti mal-politika eżistenti u tgħin biex ittejjeb is-sigurtà tal-enerġija u l-istabbiltà tas-suq tal-gass. Il-proposta għal estensjoni ma għandhiex l-għan li tbiddel xi aspetti oħra tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħżin tal-gass.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Wara l-iżviluppi ġeopolitiċi, f'Marzu 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-Komunikazzjoni "REPowerEU" għal azzjoni Ewropea konġunta biex tippromwovi enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli. Konsegwentement, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva (ir-Regolament dwar il-ħżin tal-Gass – ir-Regolament (UE) 2022/1032) biex tiżgura livell suffiċjenti ta' ħżin annwali mix-xitwa 2022/2023 u fil-futur.

Bħala parti minn kontroll tal-idoneità tal-qafas attwali tas-sigurtà tal-enerġija, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor il-fehmiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar il-benefiċċji u l-isfidi futuri possibbli li qed tiffaċċja l-Ewropa fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija. Il-konsultazzjoni pubblika, konkluża fl-aħħar ta' Novembru 2024, qed tqis ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-ħżin tal-gass u l-kontribut tagħhom għas-sigurtà ġenerali tal-enerġija.

## 2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Din il-proposta temenda r-Regolament (UE) 2017/1938, li l-bażi legali tiegħu kienet l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-miżuri ppjanati ta' din l-inizjattiva huma konformi bis-sħiħ mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE minħabba li l-interruzzjoni tal-provvista tal-gass tal-UE: (i) toħloq riskji għoljin; (ii) ikollha effetti sinifikanti fuq ħafna Stati Membri; u (iii) taffettwa l-prezzijiet tal-gass madwar l-UE.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Għalkemm il-mira annwali finali għall-mili għall-1 ta' Novembru hija stabbilita permezz tar-Regolament, il-miri jqisu s-sitwazzjoni tal-Istati Membri individwali u d-daqs tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass li jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom. L-eżenzjonijiet/id-derogi stabbiliti mir-Regolament (UE) 2017/1938 huma relatati man-Netherlands (l-Artikolu 6a.3) kif ukoll mal-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja u s-Slovakkja (l-Artikolu 6a.2). Ir-rata ta' mili proposta ta' 90 % hija livell meħtieġ u xieraq biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista matul ix-xitwa f'każ ta' interruzzjonijiet serji fil-provvista, mingħajr ma jitqiegħed piż eċċessiv fuq l-Istati Membri, il-kumpaniji tal-enerġija jew il-pubbliku.

Il-miri intermedjarji għall-mili huma stabbiliti fuq bażi annwali, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri (permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-

Gass). Dawn il-miri jippermettu livell suffiċjenti ta' flessibbiltà għall-Istati Membri biex jirriflettu kemm is-sitwazzjoni tal-enerġija eżistenti kif ukoll il-prinċipji fundamentali tas-suq tal-gass.

- **Għażla tal-istrument**

Din hija proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2017/1938, u għalhekk l-istrument magħżul huwa Regolament emendatorju. Minħabba li din mhijiex reviżjoni sħiħa tar-Regolament, riformulazzjoni mhijiex meqjusa xierqa.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn rapport dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħżin tal-gass, li jikkonkludi li kemm it-trajettorji għall-mili tal-ħżin tal-gass kif ukoll il-proċess ta' ċertifikazzjoni għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass kellhom impatt pożittiv fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

Il-Kummissjoni tippreżenta rapporti annwali, imħejjija f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, li jinkludu analiżi tal-effetti potenzjali tar-Regolament fuq il-prezzijiet tal-gass u l-iffrankar potenzjali tal-gass.

Barra minn hekk, bħala parti mill-kontroll tal-idoneità tal-qafas tas-sigurtà tal-enerġija, u sabiex tiġbor il-fehmiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika. Il-proċess ta' konsultazzjoni tnieda f'Settembru 2024 u dam sa Novembru 2024. Aktar minn 100 parteċipant ipprovdew għarfien u fehmiet għall-konsultazzjoni, inkluż dwar ir-rwol tal-ħżin tal-gass fil-qafas ġenerali tas-sigurtà tal-enerġija. Meta tanalizza r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li hija meħtieġa reviżjoni usa' tal-qafas tas-sigurtà tal-enerġija u, f'dak il-kuntest, tista' tippromponi kontinwazzjoni tal-miri intermedji u finali obbligatorji għall-mili tal-ħżin. Madankollu, il-proċess ta' reviżjoni x'aktarx li jdum mill-inqas sentejn. Filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol sinifikanti li l-ħżin tal-gass kellu s'issa biex tingħata spinta lis-sigurtà tal-enerġija tal-Istati Membri, jitqies li hemm bżonn ta' estensjoni temporanja tal-mira tal-mili obbligatorja u tal-miri intermedji.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika relatata mal-kontroll tal-idoneità, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-importanza tal-ħżin tal-gass u l-utilità tal-istabbiliment ta' miri obbligatorji tal-mili.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Matul l-2025, bħala parti mill-kontroll tal-idoneità tal-qafas ġenerali tas-sigurtà tal-enerġija, il-Kummissjoni biħsiebha tagħti mandat lil kuntrattur estern biex iwettaq valutazzjoni tal-impatt. Il-kuntrattur jintalab ukoll jiġbor fehmiet esterni u għarfien espert fl-istess ħin.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Kif imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq, il-Kummissjoni biħsiebha twettaq valutazzjoni tal-impatt matul l-2025. Mistoqsijiet relatati mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħżin tal-gass se jkunu

parti mill-valutazzjoni tal-impatt. Minħabba n-nuqqas ta' żmien li fadal u l-iskadenza tad-dispożizzjonijiet attwali f'Diċembru 2025, mhi qed titwettaq l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-miżura temporanja.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura se tippermetti li l-appoġġ ikun immirat lejn uħud mill-aktar klijenti vulnerabbli, u b'mod partikolari dawk li diġà qed jesperjenzaw faqar enerġetiku.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-impatt fuq il-baġit tal-UE assoċjat ma' din il-proposta jikkonċerna l-persunal u nfiq amministrattiv ieħor tad-Direttorat Ġenerali (DG) għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea. Il-proposta tfittex li ttawwal id-dispożizzjonijiet li jtejbju l-arkitettura tal-UE għas-sigurtà tal-provvista tal-gass tagħha. Dawn id-dispożizzjonijiet estiżi jkunu jinvolvu obbligi kontinwi għall-Istati Membri u, b'mod korrispondenti, rwol imsaħħaħ kontinwu għad-DG Enerġija f'firxa wiesgħa ta' oqsma identifikati fil-proposta oriġinali, jiġifieri:

- il-ġestjoni u l-implimentazzjoni ġenerali tar-Regolament (1 FTE);
- il-ġestjoni tar-rwol imsaħħaħ tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass (0,5 FTE);
- il-monitoraġġ tar-rati tal-mili u t-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-implimentazzjoni, bħat-trajettorji għall-mili (inkluż l-analiżi ekonomika u teknika u l-ġestjoni tad-data) (1,5 FTE);
- il-valutazzjoni tan-notifiki dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet stabbiliti fl-Artikolu 6c (1 FTE);
- l-appoġġ amministrattiv (1 FTE).

Barra minn hekk, l-implimentazzjoni, il-koordinazzjoni u s-segwitu ta' dan ir-regolament emendatorju fost l-Istati Membri se jirrikjedu approprjazzjonijiet amministrattivi addizzjonali ta' massimu ta' EUR 150 000 fis-sena għal vjaġġi uffiċjali u laqgħat tal-esperti, b'mod partikolari laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet attwali kollha relatati mal-ħżin tal-gass tar-Regolament (UE) 2017/1938 introdotti bir-Regolament (UE) 2022/1032 jibqgħu l-istess ħlief l-Artikolu li jstabbilixxi d-data tal-applikazzjoni/validità, li tinbidel għall-31 ta' Diċembru 2027.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-  
iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità l-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament u tal-Kunsill<sup>2</sup> ġie adottat b'reazzjoni għall-kriżi tal-provvista tal-gass u għaż-żidiet bla preċedent fil-prezzijiet ikkawżati mill-eskalazzjoni tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna minn Frar 2022, li ġie għlu lill-Unjoni ta'gixxi b'mod koordinat u komprensiv biex tevita riskji potenzjali li jirriżultaw minn aktar interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 emenda r-Regolament (UE) 2017/1938 billi introduċa qafas legali temporanju għal miżuri rigward il-livell tal-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin taħt l-art biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, b'mod partikolari l-provvisti tal-gass lill-klijenti protetti.
- (3) Il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass jipprovdu 30 % tal-konsum tal-gass tal-Unjoni matul ix-xhur tax-xitwa, u l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass taħt l-art mimlija sew jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-gass billi jipprovdu gass addizzjonali f'każ ta' domanda għolja jew interruzzjonijiet fil-provvista.
- (4) L-istabbiliment ta' mira obligatorja biex jiġi żgurat li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass ikunu 90 % mimlijin sal-1 ta' Novembru (mira tal-mili), b'sensiela ta' miri intermedji għal kull Stat Membru fi Frar, Mejju, Lulju u Settembru tas-sena ta' wara (trajettorja għall-mili), wera li huwa fundamentali matul il-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-użu tal-provvisti tal-gass Russi bħala arma u l-invażjoni tal-Ukrajna, kemm: (i) biex jirreżisti n-nuqqasijiet fil-provvista tal-gass; kif ukoll (ii) għat-tnaqqis tal-inċertezzi tas-suq u tal-volatilità tal-prezzijiet.
- (5) Minkejja t-tiġib sostanzjali tas-sitwazzjoni tas-suq tal-gass meta mqabbel mal-perjodu 2022-2023, is-suq Ewropew tal-gass għadu strett. Kompetizzjoni aktar intensa għall-provvisti globali tal-LNG tista' żżid l-esponiment tal-Istati Membri għall-volatilità tal-prezzijiet. L-iżvilupp tal-prezz tal-gass matul ix-xitwa 2024/2025 jista' jikkonferma x-

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (*ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1032/oj>*).

xejra. F'sitwazzjoni bħal din, ir-rwol tal-ħażniet tal-gass jibqa' ta' importanza kbira. Trajettorji prevedibbli għall-mili jżidu t-trasparenza u jipprevjenu d-distorsjoni tas-suq.

- (6) Skont ir-Regolament (UE) 2017/1938, l-obbligu tal-Istati Membri li jsegwu trajettorja annwali għall-mili u li jiżguraw li l-mira tal-mili tintlaħaq sal-1 ta' Novembru ta' kull sena, jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.
- (7) Fl-istess ħin, il-qafas ġenerali biex tintlaħaq din il-mira tal-1 ta' Novembru jrid ikun flessibbli biżżejjed matul l-istaġun tal-mili biex jippermetti reazzjoni rapida għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti u b'mod partikolari biex jittieħed vantaġġ mill-aħjar kundizzjonijiet tax-xiri.
- (8) L-għan tal-miri intermedji għall-mili, maqbula kull sena mill-Istati Membri, huwa li jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira obbligatorja għall-1 ta' Novembru. Madankollu, dawn il-miri huma indikattivi u jenħtieġ li jippermettu mili tal-ħżin b'tali mod li jkun hemm flessibilità suffiċjenti disponibbli għall-parteċipanti fis-suq matul is-sena f'konformità mar-Rakkomandazzjoni XXX.
- (9) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-qafas attwali tas-sigurtà tal-enerġija kkonfermat l-impatt pożittiv tar-rekwiżiti tal-mili tal-ħażniet fuq is-sigurtà tal-provvista tal-gass u jenħtieġ li daww l-effetti pożittivi jiġu ppreservati wara l-2025.
- (10) Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu estenzi b'sentejn id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-mili tal-ħżin tal-gass li jipprovdu prevedibilità u trasparenza fir-rigward tal-użu tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass madwar l-Unjoni.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1938 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

### **Emenda għar-Regolament (UE) 2017/1938**

Fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/1938, ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Artikolu 2, il-punti (27) sa (31), l-Artikoli 6a sa 6d, l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17a, l-Artikolu 18a, l-Artikolu 20(4), u l-Annessi Ia u Ib għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2027.”

#### *Artikolu 2*

### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*